# IT-TRASPORT BIT-TRIQ: STANDARDS TAT-TRAFFIKU U TAS-SIKUREZZA

L-Unjoni Ewropea ddotat lilha nnifisha bl-għan li toħloq żona Ewropea ta' sikurezza fit-toroq fuq perjodu ta' għaxar snin bejn l-2010 u l-2020. Il-kompetenza f'dan il-qasam hija primarjament nazzjonali. Għaldaqstant, l-UE qed tiffoka l-miżuri tagħha fuq il-kundizzjoni teknika tal-vetturi, it-trasport ta' merkanzija perikoluża u s-sikurezza tat-toroq.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

It-Titolu VI tat-Trattat ta' Lisbona u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huma l-bażi ġuridika għall-ħolqien ta' żona ta' sikurezza fit-toroq, li l-għan tagħha huwa li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq u tikkontribwixxi għall-mobbiltà sostenibbli. Fl-2010, l-UE ġeddet l-impenn tagħha favur it-titjib tas-sikurezza fit-toroq billi stabbiliet mira biex tnaqqas l-imwiet fit-toroq b'50% sal-2020, meta mqabbel mal-livelli tal-2010. Biex il-mira tal-UE għall-2020 tkun tista' tintlaħaq, kien hemm bżonn tnaqqis annwali ta' 6.7% tul il-perjodu 2010-2020. Madankollu, mill-2010 'l hawn, l-imwiet fit-toroq fl-UE-28 naqsu bi 19%, u dan ifisser tnaqqis annwali medju ta' 3.4% biss. Peress li l-imwiet ma rnexxilhomx jonqsu bil-pass meħtieġ, issa hemm bżonn tnaqqis annwali ta' 11.4% bejn l-2017 u l-2020 jekk l-UE trid tilħaq il-mira tagħha. Skont ir-rapport tal-2017 maħruġ mill-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza fit-Trasport (ETSC), fl-2016 kien hemm 25 670 każ ta' mewt fit-toroq tal-UE (530 inqas milli fl-2015, ċifra li tirrappreżenta tnaqqis ta' 2% biss).

## IL-KISBIET

### A. Kummenti ġenerali

F'Ġunju 2003, il-Kummissjoni ppubblikat it-tielet Programm Ewropew ta' Azzjoni għas-Sikurezza fit-Toroq 2003-2010 bil-għan li tnaqqas bin-nofs in-numru ta' mwiet fit-toroq fl-Istati Membri sa tmiem l-2010. Għalkemm ma rnexxilux jilħaq dan il-għan fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-programm kiseb suċċess fit-tnaqqis tan-numru ta' vittmi tal-inċidenti stradali, kif muri fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 intitolata "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza fit-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM(2010) 0389).

Fil-White Paper tagħha tal-2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011) 0144), ippubblikata fit-28 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ġerriet id-data ta' mira għat-tnaqqis bin-nofs tan-numru ta' mwiet fit-toroq għall-2020. Stabbiliet ukoll l-2050 bħala d-data biex nersqu eqreb lejn l-għan aħħari ta' "żero fatalitajiet". Fl-orjentazzjonijiet ta' politika tagħha, il-Kummissjoni esponiet ukoll seba' objettivi li għalihom kien beħsiebha tadotta miżuri fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, f'konformità mal-prinċipji ta' responsabbiltà kondiviża u sussidjarjetà. Dawn l-objettivi jinkludu: titjib fl-edukazzjoni u t-

taħriġ tal-utenti tat-toroq kif ukoll il-kontroll tal-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq; titjib fis-sikurezza tal-infrastrutturi tat-toroq kif ukoll dik tal-vetturi; il-promozzjoni tal-użu ta' sistemi ta' trasport intelliġenti, pereżempju permezz tas-sistema ta' allarm f'każ ta' emerġenza abbord eCall; titjib fis-servizzi ta' emerġenza u ta' kura tal-feruti; il-ħarsien ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni mexjin fit-triq u ċ-ċiklisti.

**B.** Il-kundizzjoni teknika tal-vetturi

Fl-2014, l-UE adottat pakkett ġdid ta' miżuri leġiżlattivi, magħruf bħala l-"Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali". It-tliet Direttivi li jikkostitwixxu l-pakkett dwar l-affidabbiltà stradali huma d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali, id-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali u d-Direttiva 2014/46/UE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi.

Rigward l-użu obbligatorju taċ-ċinturini tas-sikurezza fil-vetturi li jiżnu inqas minn 3.5 tunnellati, id-Direttiva 2003/20/KE tat-8 ta' April 2003 stipulat l-użu obbligatorju tat-trażżin għat-tfal u ċ-ċinturini tas-sikurezza għall-okkupanti kollha bilqiegħda fil-karozzi tal-linja u l-kowċis li huma mgħammra bihom (ħlief għat-trasport lokali f'żoni urbani).

Id-Direttiva 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 stabbiliet l-obbligu li jiġi installat apparat li jillimita l-veloċità f'vetturi li jiżnu 'l fuq minn 3.5 tunnellati. Id-Direttiva 2002/85/KE tal-5 ta' Novembru 2002 estendiet l-obbligu li jintuża apparat li jillimita l-veloċità għall-vetturi kollha tal-merkanzija kif ukoll għall-vetturi tal-passiġġieri li jiżnu bejn 3.5 u 12-il tunnellata b'aktar minn tmien sedili (eskluż ix-xufier).

Rigward sistemi ta' sikurezza attiva, ir-Regolament (KE) No 78/2009 tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-ħarsien tal-persuni mexjin u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq stabbilixxa wkoll ċerti rekwiżiti għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni frontali, f'każ ta' ħabta ma' quddiem ta' vettura oħra. Dan ir-Regolament stipula l-possibbiltà li t-teknoloġija li tista' tgħin biex jiġu evitati ħabtiet ma' ċiklisti u ma' persuni mexjin fit-triq ma tkunx suġġetta għal dawn ir-rekwiżiti. Stabbilixxa wkoll l-installazzjoni ta' sistema approvata ta' assistenza fl-ibbrejkjar (Brake Assist System — BAS).

Fl-aħħar nett, is-sikurezza tal-utenti tat-toroq ittejbet bit-tnaqqis tal-partijiet mhux viżibbli ("blind spots"). Id-Direttiva 2003/97/KE tal-10 ta' Novembru 2003 stipulat li l-vetturi ġodda tal-merkanzija fiċ-ċirkolazzjoni fl-UE kellu jkollhom mirja retroviżuri addizzjonali għall-"blind spots" (mirja b'angolu wiesa', mirja għall-ittrakkar u oħrajn iħarsu 'l quddiem). Id-Direttiva 2007/38/KE tal-11 ta' Lulju 2007 stabbiliet li l-flotta eżistenti kellha tkun ukoll mgħammra b'tali strumenti. Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jirrevoka d-Direttiva 2003/97/KE daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2014 u bis-saħħa tiegħu l-vetturi rreġistrati barra l-UE jridu jkunu mgħammra bl-istess tipi ta' mirja retroviżuri. Fl-2011, il-Kummissjoni kkummissjonat studju dwar l-inċidenti kkawżati minn "blind spots" u f'Ġunju 2012 ippreżentat ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE, li enfasizza, fost affarijiet oħra, li l-inċidenti li jinvolvu vetturi tqal tal-merkanzija jwasslu għal aktar minn 1 200 każ ta' mewt fis-sena u li għalhekk huwa neċessarju li jitkomplew l-isforzi maħsuba biex jimpedixxu inċidenti ta' dan it-tip.

**C.** It-trasport ta' merkanzija perikoluża

Id-Direttiva 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 estendiet ir-regoli stabbiliti mill-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) għall-qasam tat-traffiku domestiku. Ġiet irrevokata mid-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008, li stabbiliet sistema komuni għall-aspetti kollha tat-trasport intern ta' oġġetti perikolużi fl-

UE, mhux biss bit-triq, iżda wkoll bil-ferrovija u permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni. Id-Direttiva 2012/45/UE tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2012 allinjat dan mal-aħħar verżjoni tal-Ftehim ADR, li jiġi aġġornat kull sentejn.

**D.** Sistemi ta' trasport intelliġenti (STI) u l-inizjattiva eSafety

Fis-16 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni nediet pjan ta' azzjoni għall-użu ta' STI fil-qasam tat-trasport bit-triq. Dan il-pjan ta' azzjoni kien ibbażat fuq serje ta' inizjattivi (pereżempju l-inizjattiva eSafety, li tnediet fl-2006) u stabbilixxa azzjonijiet prijoritarji. Bl-istess perspettiva, id-Direttiva 2010/40/UE tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-STI fit-trasport bit-triq għandha l-għan li tiżgura l-varar ikkoordinat u koerenti ta' servizzi ta' STI interoperabbli fl-Unjoni Ewropea. L-STI jinkludu, pereżempju, tagħmir ta' aġġustament awtomatiku tal-veloċità, mekkaniżmi li jassistu lis-sewwieq biex iżomm mal-karreġġjata, apparat li jwissi lis-sewwieq dwar possibbiltà ta' ħabta u sistemi awtomatiċi ta' sejħiet ta' emerġenza f'każ ta' inċident. Il-Forum dwar is-Sikurezza Elettronika (eSafety), li nħoloq mill-Kummissjoni fl-2003 u li mill-2011 beda jissejjaħ iMobility, huwa pjattaforma konġunta għall-partijiet kollha involuti fis-sikurezza fit-toroq intiża biex tħeġġeġ u timmonitorja l-osservanza tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza elettronika u biex tappoġġa l-varar u l-użu tas-sistemi ta' sikurezza tal-karozzi.

Wara d-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' eCall interoperabbli madwar l-UE kollha, l-Istati Membri kellhom l-obbligu li sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2017 ikunu stabbilew l-infrastruttura taċ-ċentri li jwieġbu għas-sejħiet marbutin mas-sikurezza pubblika (PSAP) meħtieġa biex l-eCalls ikunu jistgħu jiġu ttrattati.

F'Novembru 2016, il-Kummissjoni ħarġet rapport intitolat "Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi: l-ewwel pass importanti lejn mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata" (COM(2016) 0766). Il-Kumitat TRAN wieġeb billi ħa f'idejh it-tfassil ta' rapport fuq inizjattiva proprja dwar is-suġġett, li mistenni jiġi vvutat fi Frar 2018.

**E.** Is-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq

Id-Direttiva 2004/54/KE tad-29 ta' April 2004 stabbiliet il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Toroq. Tistipula li l-mini kollha itwal minn 500 metru, kemm jekk diġà jkunu operattivi, kemm jekk ikunu fil-fażi tal-kostruzzjoni u kemm jekk ikunu għadhom qed jiġu studjati, għandhom ikunu suġġetti għal dispożizzjonijiet ta' sikurezza armonizzati. Fid-dawl tal-aktar inċidenti frekwenti, bħal nirien, dawn id-dispożizzjonijiet ikopru l-aspetti organizzattivi, strutturali, tekniċi u operattivi tal-mini. Id-Direttiva 2008/96/KE tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq timmira li tiżgura li s-sikurezza fit-toroq tiġi kkunsidrata, permezz ta' valutazzjoni tal-impatt, fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni, operazzjoni jew modifika sostanzjali tat-toroq. Għal dan il-għan, id-Direttiva stabbiliet verifiki sistematiċi tas-sikurezza għall-proġetti ta' infrastruttura. Stabbiliet ukoll dispożizzjonijiet għall-ispezzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq fl-operazzjoni u l-identifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'konċentrazzjoni għolja ta' inċidenti.

**F.** L-istatistika u l-prevenzjoni tal-inċidenti minħabba l-effett tal-alkoħol fis-sewqan

Fid-dawl tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE, inħolqot il-bażi tad-data CARE dwar l-inċidenti stradali li jirriżultaw f'mewt jew korriment, bil-għan li tiġbor data bbażata fuq statistika nazzjonali u li xxerred tali data permezz tal-Osservatorju Ewropew għas-Sikurezza tat-Triq (ERSO). Bħala parti mill-politika tal-Unjoni intiża biex ittejjeb l-imġiba fis-sewqan, il-Kummissjoni tipprevedi li l-Istati Membri jeħtiġilhom jadottaw sistema ta' testijiet każwali bl-analiżi tan-nifs u imponiet il-konformità ma' livelli massimi ta' alkoħol fid-demm. Il-persuni sssuspettati li jkunu qed isuqu fis-sakra huma suġġetti għal testijiet każwali ta' alkoħol fin-nifs (Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2001/115 tas-17 ta' Jannar 2001 u 2004/345/KE

tas-17 ta' April 2004). Bil-għan li ssaħħaħ is-sikurezza fit-toroq, il-Kummissjoni introduċiet kodiċi armonizzat ta' tagħmir b'interlock tal-alkoħol, li ġie adottat minn diversi Stati Membri (ara d-Direttiva (UE) 2015/653 tal-24 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan).

**G.** Ir-repressjoni transkonfinali ta' reati kontra s-sikurezza fit-toroq

Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 91(1)(c) tat-TFUE (Titolu VI "It-Trasport"). Din id-Direttiva tissostitwixxi d-Direttiva 2011/82/UE (imħassra mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Mejju 2014). L-għan jibqa' l-istess: ittemm l-anonimità tas-sewwieqa mhux residenti u ttella' quddiem il-ġustizzja r-reati tat-traffiku kommessi fi Stat Membru ieħor barra minn dak fejn il-vettura inkwistjoni tkun ġiet reġistrata. L-Istati Membri jistgħu jkollhom aċċess għad-data nazzjonali ta' reġistrazzjoni tal-vetturi ta' xulxin permezz ta' proċedura ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali. Fil-prattika, ikun f'idejn l-Istat Membru fejn ikun ġie kommess ir-reat li jiddeċiedi jibdiex proċedimenti jew le. B'hekk, l-awtur preżunt ta' reat ikun jista', permezz ta' ittra standard li jkun fiha d-dettalji tar-reat, jiġi infurmat bl-ammont tal-multa li jkun irid iħallas, bil-proċeduri tal-ħlas, kif ukoll bir-rimedji. Filwaqt li d-data personali hija mħarsa, id-Direttiva tiżgura li s-sewwieqa mhux residenti jkunu penalizzati b'mod konsistenti għal reati serji fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament adotta bosta riżoluzzjonijiet li jenfasizzaw l-importanza tas-sikurezza fit-toroq. Meta tkellem favur it-tielet programm ta' azzjoni tal-Kummissjoni (2003-2010) fl-2005, kien diġà talab l-iżvilupp ta' pjan fit-tul lil hinn mill-2010 li jiddefinixxi miżuri intiżi biex jimpedixxu l-imwiet kollka fit-toroq ("viżjoni żero") (P6_TA(2005) 0366). Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-sikurezza fit-toroq fil-livell Ewropew għall-perjodu 2011-2020 (P7_TA(2011) 0408), il-Parlament talab mill-ġdid lill-Kummissjoni tistabbilixxi mira fit-tul biex jiġu evitati l-każijiet kollha ta' mwiet fit-toroq, iżda rabat dan il-għan mal-użu sistematiku tat-teknoloġija fil-vetturi u l-iżvilupp ta' netwerks ta' STI ta' kwalità tajba. Barra minn hekk, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar futur sostenibbli għat-trasport (P7_TA(2010) 0260), il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-aħjar prattiki fl-Istati Membri rigward l-effetti tal-apparat li jillimita l-veloċità u wera tħassib dwar is-sikurezza tal-ħaddiema fil-qasam tat-trasport. Il-Parlament Ewropew talab ukoll definizzjoni uniformi tal-kunċetti involuti fis-sikurezza fit-toroq biex b'hekk titjieb ir-riċerka dwar l-inċidenti u tkun żgurata l-paragunabbiltà tar-riżultati. Id-dokument ta' ħidma dwar il-vittmi ta' korrimenti serji fit-toroq, ippubblikat mill-Kummissjoni fid-19 ta' Marzu 2013, jirrispondi biss parzjalment għat-talba tal-Parlament biex tiġi estiża l-portata tal-istrateġija fil-qasam tal-inċidenti stradali. Dan id-dokument jistabbilixxi l-objettiv li l-għadd totali ta' vittmi ta' korrimenti serji jitnaqqas fil-livell tal-UE (għall-perjodu 2015-2020) u jindika li sistema operattiva għad-definizzjoni tal-korrimenti serji fl-UE kollha ilha teżisti sa mill-2012. Il-Kumitat TRAN, flimkien mal-Kumitat IMCO, ressaq rapport fuq inizjattiva proprja dwar "Insalvaw il-ħajjiet: Insaħħu s-Sikurezza tal-Karozzi fl-UE", li wara ġie adottat bħala riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fl-14 ta' Novembru 2017. Kien ibbażat fuq ir-rapport tal-Kummissjoni (COM(2016) 0787).

Fil-11 ta' Marzu 2014, il-Parlament adotta pożizzjoni fl-ewwel qari dwar l-istandards minimi komuni għal testijiet perjodiċi ta' affidabbiltà għall-vetturi, id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi u l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-vetturi kummerċjali. It-test finali (id-Direttiva 2014/45/UE) għen biex itejjeb is-sikurezza fit-toroq u r-rikonoxximent transkonfinali taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali. Fis-27 ta' Frar 2017, il-

Kumitat TRAN skrutinizza lill-Kummissjoni dwar l-affidabbiltà stradali tal-vetturi bil-mutur u fit-20 ta' Ġunju 2017 iddiskuta wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni (COM(2017) 0099) dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq — Perjodu ta' rappurtar 2013-2014. Id-diskussjonijiet fi ħdan il-Kumitat TRAN iffukaw fuq il-frodi takografiċi u l-manipulazzjoni taċ-ċifri tal-odometri peress li dan jirrappreżenta riskju enormi għas-sikurezza u d-drittijiet tal-konsumatur. Il-Kummissjoni indikat li qed tevalwa l-għażliet għar-reġistrazzjoni tal-odometri, il-liġi kriminali u l-iskambju transkonfinali tal-informazzjoni. Sadanittant, il-Parlament nieda rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja intitolat "Manipulazzjoni tal-odometru f'vetturi bil-mutur: reviżjoni tal-qafas legali tal-UE". L-abbozz ta' rapport huwa mistenni jiġi diskuss fil-Kumitat TRAN f'Jannar 2018. Id-dipartiment tematiku tal-Parlament ikkummissjona wkoll studju dwar l-istess suġġett intitolat "Odometer Tampering — Measures to Prevent Manipulation" (It-Tbagħbis tal-Odometri — Miżuri għall-Prevenzjoni tal-Manipulazzjoni) li ġie ppubblikat f'Novembru 2017. Bħala parti mill-aġenda leġiżlattiva tagħha "L-Ewropa Attiva", il-Kummissjoni qed tfittex li temenda r-Regolament (UE) Nru 165/2014 permezz tal-proposta, ippubblikata fil-31 ta' Mejju 2017 u intitolata "Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi" (COM(2017) 0277). Fil-laqgħa tiegħu ta' Jannar 2018, il-Kumitat TRAN se jiddiskuti l-abbozz ta' rapport dwar il-proposta.

Christina Ratcliff
11/2017